TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 48

It-Tnejn, 27 ta’ Marzu, 2023

Il-Kunsill Lokali ta’ Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fil-4.45p.m.

Is-Sindku Zoya Attard ippresidiet.

**PREZENTI**

Kienu prezenti is-Sindku Zoya Attard, il-Vici Sindku Anthony Camilleri u l-Kunsillieri Josef Fitzpatrick, Mark Pisani u Stefano Savo.

**TALBA**

Is-Sindku qalet it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 47 li saret nhar il-Gimgha, 24 ta' Frar, 2023, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* **Pjazza San Luqa**
Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-WSC kienu ghaddew il-pajpijiet biex jigi nstallat il-meter tal-ilma. Issa jonqos biss connection sabiex ikun hemm l-ilma fil-pjazza u li ser issir f'dawn il-granet.

## 4 KORRISPONDENZA

*4.1* Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill bl-iskemi ta' ghajnuniet finanzjarji li hareg ir-Regjun il-Lvant. Ser ikun hemm 4 skemi.
1. Attivitajiet sportivi li jridu jinzammu taht it-titlu Regjun Ewropew tal-Isport 2023 - €3,000
2. Progetti kulturali, sports, muzika, juk il-lokal, baned - €13,000
3. Progetti ta' titjib fil-lokalita` u liema fondi jistghu jintuzaw ghal professional fees - €35,000
4. Xiri jew kiri ta' tizjin tal-Milied - €3,000

## 5 MISTOQSIJIET

*5.1* Il-Kunsillier Savo gibed l-attenzjoni li xi wires huma mitluqa fil-hamrija tal-gnien tat-Torpedo Depot. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien se jinforma lill-kuntrattur b'dawn.

*5.2* Il-Kunsillier Pisani gibed l-attenzjoni tal-arblu tad-dawl li kien intlaqat fi Pjazza San Luqa. Minfejn kien inqata`, ghadu perikoluz u hemm bzonn li jitnehha. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien se jinforma lill-kuntrattur dwar dan.

*5.3* Il-Kunsillier Savo gibed l-attenzjoni li kienet thaffret trinka tad-drenagg fi Triq Santa Monika u r-resurfacing ma kienx sar sew. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien se jinforma lil TM dwar dan.

## 6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***6.1*** Ma kienx hemm komunikazzjoni tas-Sindku.

## 7 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***7.1*** Is-Sindku ssekondata mill-Vici Sindku, ressqet mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 44. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

***7.2*** Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill zewg fatturi mibghuta mir-Regjun Centru dwar is-servizz ta' gbir tal-iskart u tipping fees ghax-xhur ta' Jannar u Frar 2023. Is-Segretarju spjega kif minn dawn il-fatturi jidher li l-Kunsill se jkollu problema sabiex ihallas it-tipping fees tal-wasteserv meta dawn huma kwazi d-doppju ta' dak li jinghata l-Kunsill ghal dan il-ghan fl-allokazzjoni finanzjarja. Dan minhabba li r-rata tat-tipping fees mill-wasteserv irduppjat. Huwa qal li kien diga informa b'dan kemm lir-Regjun Lvant kif ukoll lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Huwa ssugerixxa li minn dawn il-fatturi jithallsu is-servizz tal-gbir tal-iskart u t-tipping fees skond dak li inghata l-Kunsill fl-allokazzjoni finanzjarja. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 8. TMIEM

***8.1*** Fis-6.00pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 17 ta' April, 2023, fil-4.45pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Zoya Attard
Sindku